MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 173/1993/1

Il-Prokuratur Legali Vera Lungaro Mifsud bhala mandatarja specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Andre Van Klest u b'nota (folio 22) l-Avukat Louis Cassar Pullicino assuma l-atti f'isem l-imsemmi Van Klest in virtu tal-prokura specjali ammessa (folio 23)

vs

Amand Veranneman

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attrici nomine, liema citazzjoni tghid:

Illi b'sentenza moghtija fit-23 ta' Settembru 1988 mit-Tribunal "De Premiere [recte Premier] Instance de Bruxelles" gewwa l-Belgium fil-kawza fl-ismijiet "Andre Van Klest vs Armand [recte Amand] Veranneman" il-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mitt elf Frank Belgjan (BF 800,000) rapprezentanti kwantu ghal erba' mitt elf Frank Belgjan (BF 400,000) ammont dovut skond skrittura privata tal-15 ta' Marzu 1982 u kwantu ghar-rimanenti erba' mitt elf Frank Belgjan (BF 400,000) imghax legali skond il-ligi Belgjana, kif ukoll is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u tletin Frank Belgjan (BF 21,030) spejjez tal-istess proceduri (Dok.A);

Illi kif jirrizulta fis-smiegh ta' din il-kawza, l-imsemmija sentenza ghaddiet in gudikat u tista' tigi esegwita minn din il-Qorti bhala sentenza moghtija f'Malta u hemm ir-rekwiziti kollha li tirrikjedi l-ligi ghal dan l-iskop ai termini u skond l-Artikolu 826 et sequitur tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Procedura Civili, salv il-modifiki necessarji fir-rata tal-imghaxijiet u dan konformement mal-Ordni Pubbliku Malti;

Talbet ghalhekk ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara esegwibbli l-imsemmija sentenza moghtija fit-23 ta' Settembru 1993 mit-'Tribunal de Premier Instance a Bruxelles', il-Belgju, fil-kawza fl-ismijiet 'Andre Van Klest vs Armand [recte Amand] Veranneman' u dan bhal li kieku kienet sentenza moghtija minn din il-Qorti sabiex l-istanti jkun jista' jesigi minghandu s-somma ta' erba' mitt elf Frank Belgjan (BF 400,000) bhala sorte oltre l-imghaxijiet legali mill-15 ta' Marzu 1982 u l-ispejjez gudizzjarji ghall-proceduri barranin ammontanti ghal BF 21,030.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. preliminarjament li l-attrici nomine trid tipprova l-mandat specjali taghha minghand l-atturi;

2. in-nullita' tac-citazzjoni ai termini tal-Artikolu 789(1)(b) tal-COCP Kap 12 billi l-Qorti kompetenti li ghandha tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Kummercjali;

3. in-nullita' tac-citazzjoni ai termini tal-Art.789 (1)(d) tal-COCP Kap 12 billi c-citazzjoni hija nieqsa minn indikazzjoni sewwa u kompluta minn kollox ghall-identifikazzjoni tal-partijiet in kawza li hija partikolarita' essenzjali mehtiega mill-ligi bl-Art.174(3) tal-COCP Kap 12;

4. li minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati s-sentenza li taghha qeghdha tintalab l-esekuzzjoni hija mpunjabbli ai termini tal-Art.811(b)(c) u (d) tal-COCP Kap 12;

5. li wkoll minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti jirrikorru cirkostanzi li jirrendu kompetenti l-Qrati ta' dawn il-Gzejjer ai termini ta' l-Art 742(b)(e) u (f) tal-COCP Kap 12;

6. li subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sentenza tikkontjeni disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku vigenti f'dawn il-Gzejjer.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal folio 24 li jistqarr inter alia li l-Avukat Mario Scerri rtira l-ewwel eccezzjoni u ntlaqghet it-talba tal-attur nomine ghall-korrezzjoni kif hemm mitluba;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (folio 47) diversament preseduta fejn ordnat l-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut.

Rat il-verbal taghha a folio 52.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur nomine;

Ikkunsidrat:

Il-kawza titratta esekuzzjoni ta’ sentenza, kopja ufficjali taghha esebita kif tradotta fil-lingwa Ingliza (folio 6 et seq), moghtija mit-‘Tribunal du Premier Instance’ ta’ Bruxelles, fit-23 ta’ Settembru 1988.

Il-konvenut oppona diversi eccezzjonijiet ghat-talba attrici.

Ghad-determinazzjoni tal-meritu l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tadotta l-iskema segwenti:

- tispecifika l-ligi applikabbli ghat-talba tal-attur nomine cjoe’ jekk humiex applikabbli d-disposizzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 826 et seq tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili vigenti fiz-zmien li giet intavolata l-azzjoni in vista tar-Regolament 44/2001. li hi ligi komunitarja, u li wara l-adezzjoni ta’ Malta fl-Unjoni Ewropeja giet applikabbli direttament minghajr il-htiega ta’ ebda formalita’ ohra;

- tezamina passim l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Fil-konfront ta’ l-ewwel:

Il-Qorti sejra hawnhekk tirriproduci dak li ssottometta l-attur nomine fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu stante illi l-posizzjoni legali tinstab ineccepibbilment spjegata u ssib l-adezzjoni minghajr riservi ta’ din il-Qorti. L-attur nomine jghid:

“ …illi huwa minnu illi l-Artikolu 826 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta gew emendati proprju biex jilqghu ghal dawk is-sentenzi li gejjin minn [stati] membri tal-Unjoni Ewropeja, f’liema kaz allura l-esekuzzjoni ta’ dawn is-

sentenzi trid tigi processata skond regolamenti vigenti tal-Unjoni Ewropeja u sewwa sew ‘Regulation 44/2001 (Council Regulation (EC) no.44/2001 of 22 December 2000 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgements in civil and commercial matters’. Il-fatt jibqa’ pero’ li f’dan il-kaz il-meritu jittratta dwar sentenza moghtija fil-Belgju fin-1993 [recte 1988] meta allura dan ir-regolament ma kienx ghadu promulgat mill-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 66 tal-Imsemmi regolament jipprovdi illi: ‘This regulation shall apply only to legal proceedings instituted and to documents formally drawn up or registered as authentic instruments after the entry into force thereof”. La darba s-sentenza meritu ta’ dawn il-proceduri nghatat fl-1988 mentri r-regolament tal-Unjoni Ewropea jgib id-data tat-22 ta’ Dicembru 2000, huwa ovvju li dan ir-regolament ma japplikax. Ghandu jinghad ukoll ghal kull buon fini illi ghalkemm dan ir-regolament imsemmi kien precedut bit-Trattat ta’ Bruxelles tas-27 ta’ Settembru u cioe’ il-‘Brussels Convention on Jurisdiction and the Enforcement of Judgements in Civil and Commercial Matters’ dan it-trattat kien vinkolanti biss lil dawk il-pajjizi li rratifikaw tali trattat u Malta qatt ma rratifikat jew b’xi mod adottat dan it-trattat tant li l-esekuzzjoni ta’ sentenzi esteri, bl-eccezzjoni tas-sentenzi moghtija mill-Qrati tar-Renju Unit, baqa’ dejjem regolat bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 826 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sakemm kif inghad dawn l-artikoli gew emendati wara li Malta saret membru shih tal-Unjoni Ewropea”.

Fil-konfront tat-tieni:

i. l-ewwel eccezzjoni dwar il-mandat specjali tinsab sorvolata;

ii. t-tieni eccezzjoni bazata fuq in-nullita’ tac-citazzjoni stante li l-att inhareg minn qorti mhux kompetenti (Artikolu 789/1b tal-Kap 12) billi, fi kliem l-eccezzjoni, ‘il-qorti kompetenti li ghandha tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Kummercjali’ hija wkoll insostenibbli billi f’kull

kaz il-qorti llum adita bil-kompetenza hija dina l-Qorti, sede superjuri, sezzjoni generali;

iii. l-insostenibilita' wkoll tat-tielet eccezzjoni imsejsa fuq l-Artikolu 789(1/d) tal-Kap 12 billi c-citazzjoni m'ghandha xejn nieqes mill-partikolaritajiet rikjesti bl-Artikolu 174 tal-Kap 12;

iv. ditto ghar-raba eccezzjoni billi kuntrarjament ghal dak eccepit in-notifika tal-proceduri quddiem il-qorti ta' Bruxelles tirrizulta ampjament mill-atti f'din il-kawza u jirrizulta wkoll li s-sentenza tal-Qorti estera kkundannat lill-konvenut fil-kontumacja tal-konvenut - ergo kontra l-persuna legittima u minn qorti kompetenti adita bil-gurisdizzjoni;

v. dwar il-hames eccezzjoni din giet irtirata kif jirrizulta mill-verbal folio 27;

vi. relattivament is-sitt u l-ahhar eccezzjoni dwar li s-sentenza tal-Qorti estera tikkontjeni disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku Malti din ukoll ma treggix stante li kif ghandu jirrizulta car mill-att tac-citazzjoni quddiem din il-Qorti l-attur nomine qieghed jitlob l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza, tas-sorte bl-imghax legali mill-15 ta' Marzu 1982, u l-ispejjez gudizzjarji tal-proceduri fl-esteru. Ghandu jkun car ghalhekk illi l-imghax legali skond l-ordni pubbliku Malti huwa dak tat-tmienja fil-mija.

Ghaldaqstant u fuq l-iskorta ta' dak li nghad hawn fuq din il-Qorti fil-waqt li qeghdha tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut qeghdha tilqa' it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------